

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 9 ta' Lulju 2010 — Grain Millers vs UASI — Grain Millers (GRAIN MILLERS)**

(Kawża T-430/08) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali GRAIN MILLERS — Isem kummerċjali nazzjonali preċedenti Grain Millers u r-rappreżentazzjoni figurattiva tiegħu — Ċaħda parzjali ta’ reġistrazzjoni — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”*)

(2010/C 234/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Grain Millers, Inc (Eden Prairie, Minnesota, l-Istati Uniti) (rappreżentant: L.-E. Ström, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Grain Millers GmbH Co. KG (Brême, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Böckenholt, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Lulju 2008 (Każ R 478/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Grain Millers GmbH Co. KG u Grain Millers, Inc.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Grain Millers, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 313, 6.12.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2010 — Toqueville vs UASI — Schiesaro (TOCQUEVILLE 13)**

(Kawża T-510/08) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ revoka — Trade mark Komunitarja verbali TOCQUEVILLE 13 — Nuqqas ta’ osservanza tat-terminu għall-preżentata ta’ rikors kontra deċiżjoni ta’ revoka — Applikazzjoni għal restitutio in integrum — Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”*)

(2010/C 234/60)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Toqueville Srl (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: S. Bariatti, I. Palombella u E. Cucchiara, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Sempio, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Marco Schiesaro (Limbiate, l-Italja) (rappreżentanti: A. Canella u D. Camaiora, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Awwissu 2008 (Każ R 829/2008-2, dwar applikazzjoni għal restitutio in integrum ippreżentata mir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Toqueville Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 19, 24.1.2009.